Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0448

Awtorizzazzjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali (COM(2023)0065 – C9-0019/2023 – 2023/0028(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0065),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0019/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Ottubru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0356/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala d-"Deċiżjoni Cicurel dwar

awtorizzazzjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali";

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2023)0028

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Diċembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Deċiżjoni (UE) 2024/593.)